MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 07 – 4 Leġiżlatura**

**Il-Ħamis 02 ta' Ġunju 2022**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv fi 28 Ċentru Parrokkjali, Triq San Edwardu, Ħal Qormi, fil-5.30 pm.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Deputat President/Sindku Gudja | Is-Sa Marija Sara Vella |
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |
| Sindku Santa Luċija | Is-Sa Charmaine St John |
| Kunsillier Marsaskala | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |

| | |
|---|---|
| Sindku Marsa | Is-Sur Josef Azzopardi |
| Sindku Żejtun | Is-Sa Doris Abela |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Stephen Sultana |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |

ASSENTI

| | |
|---|---|
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 07.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

07.1.1 Il-President informa li rċieva ittri ta' apoloġija mis-Sindki ta' Santa Venera, Ħal Għaxaq u Ħal Qormi fejn taw ir-raġuni għaliex ma setgħux jattendu.

07.1.2 Il-Membri preżenti aċċettaw l-ittri ta' apoloġija b'mod unanimu.

## 07.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

07.2.1 Il-President ressaq il-Minuti tas-sitt (06) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġiżlatura, li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant, ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

07.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Josef Azzopardi u ssekondata mis-Sur Charlot Mifsud, il-Membri Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

## 07.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Aktar interess mill-Membri**

07.3.1 Il-President beda billi ħeġġeġ għal aktar interess mill-Membri hekk kif numru żgħir ta' Kunsilli Lokali mhux qed jibagħtu rappreżentant għal-laqgħat tal-Kunsill Reġjonali b'mod konsistenti. Hu qal li l-Kunsill Reġjonali se jibqa' miexi mal-pjan ta' ħidma tiegħu akkost ta' kollox.

**- Devoluzzjoni tal-Bini Amministrattiv**

07.3.2 Il-President ħabbar li fil-25 ta' Mejju, il-Kunsill Reġjonali ġie infurmat mill-Awtorità tal-Artijiet li l-Bord ta l-approvazzjoni biex r-remissa f'54 Triq San Rafel tiġi devoluta lilu. Din il-proprjetà tinsab fuq wara tal-Bini Amministrattiv u tagħmel parti mid-dar kif kienet oriġinarjament. Dan is-sit kien bżonjuż għall-Kunsill Reġjonali biex ikun jista' jaqdi l-funzjonijiet tiegħu b'mod aktar effettiv, hekk kif issa żdiedu r-responsabbilitajiet tiegħu u qed iservi bħala punt ta' riferiment li joffri assistenza lill-Kunsilli Lokali b'mod professjonali.

**- Proġett tal-Bini Amministrattiv**

07.3.3 Il-President irrefera għall-proġett tal-bini amministrattiv u qal li fil-jiem li ġejjin se jkunu qed jitlestew it-testijiet strutturali fil-bini amministrattiv u se jkun qed jitfassal id-dokument tas-sejħa pubblika. Il-mira tal-Kunsill Reġjonali hi li tinħareġ is-sejħa pubblika fuq ix-xogħol tal-kostruzzjoni u l-manutenzjoni fi ftit ġimgħat oħra. Wara, se jkunu qed jinħarġu sejħiet pubbliċi oħra għal xogħlijiet fuq is-servizzi, installazzjoni tal-lift u finishings.

**- Laqgħa mal-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija LESA**

07.3.4 Il-President semma' kif fil-jiem li għaddew, hu u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija LESA fejn ġie diskuss il-proġett tal-Bini Amministrattiv li se jkun jinkludi Tribunal Lokali ġdid għar-reġjun. Ġew diskussi l-ispejjeż involuti sabiex it-Tribunal Lokali jkun ta' livell li jixraq u l-fatt li l-Kunsill Reġjonali se jkollu bżonn ta' għajnuna finanzjarja biex ikopri l-ispejjeż kollha involuti. Il-Kap Eżekuttiv wiegħed li se jiddiskuti l-possibilità li l-ispejjeż relatati mat-Tribunal il-ġdid jiġu koperti permezz ta' self mill-Aġenzija LESA li jinqata' matul is-snin skont ir-rimbors li jingħata għall-amministrazzjoni tat-Tribunal Lokali.

**- Newsletter**

07.3.5 Il-President qal li bl-introduzzjoni ta' sitt uffiċjali maniġerjali, il-Kunsill Reġjonali żied il-ħidma tiegħu u bħalissa qe jaħdem ħafna proġetti, filwaqt li qed jipprovdi diversi modi ta' assistenza professjonali lill-Kunsilli Lokali fuq aspetti diversi. Għaldaqstant, inħasset il-ħtieġa li tibda tinħareġ newsletter kull tliet xhur biex il-Kunsilli Lokali u r-residenti fir-reġjun ikollhom aktar għarfien fuq il-ħidma tal-Kunsill Reġjonali u kif jistgħu jibbenefikaw mis-servizzi li joffri.

**- Art for Active Ageing**

07.3.6 Il-President ressaq proposta biex tingħata għajnuna lill-anzjani fil-komunitajiet tar-reġjun permezz ta' sessjonijiet tal-arti. Dawn is-sessjonijiet se jgħinu lill-anzjani biex iżommu aktar attivi filwaqt li jgħinuhom jgħelbu d-diffikultajiet marbuta mas-saħħa, stress, dimensja u solitutdni, filwaqt li jkunu qed jissoċjalizzaw ma' persuni oħra. Is-sessjonijiet se jibdew jingħataw fit-tmien (8) ċentri ta' matul il-jum għall-anzjani mqassma mar-Reġjun tan-Nofsinhar. L-uffiċjali maniġerjali tal-Kunsill Reġjonali diġà kellhom laqgħat mad-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità u dawn laqgħu l-proposta u qablu li jaqsmu l-ispejjeż mal-Kunsill Reġjonali għal dawn is-sessjonijiet. Il-lezzjonijiet se jkunu qed jingħataw minn professjonisti mill-Wot Art. Il-President ressaq l-estimi ta' din l-inizjattiva u qal li l-Kunsill Reġjonali se jkun responsabbli għal nofs tal-ispejjeż. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri għal din l-inizjattiva.

07.3.7 Il-Membri preżenti approvaw il-proposta tal-President b'mod unanimu.

## 07.4 Skeda ta' Pagamenti;

07.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 06/22A-1 u 06/22B-1 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

07.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sa Maria Magri u ssekondata mis-Sur Steven Grech, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

## 07.5 Proposta għal MOU mal-Għaqdiet tal-Baned;

07.5.1 Il-President ressaq proposta ta' draft ta' Memorandum of Understanding li se jkun disponibbli għall-għaqdiet tal-baned kollha fir-reġjun. Dan intbagħat minn qabel lill-Membri u għaldaqstant ġie kkunsidrat bħala moqri. Il-President ta spjega tad-dettalji ta' dan l-MOU u qal li dan se jkun qed jorbot il-kunċetti tal-kultura, l-isport, l-edukazzjoni u l-ambjent kollha flimkien. Hu żied jgħid li l-għaqdiet se jkunu qed jintrabtu li jorganizzaw attività li tinvolvi waħda jew aktar minn dawn l-aspetti u se jkunu qed jingħataw għajnuna finanzjarja. Il-Kunsill Reġjonali jrid jagħti importanza aktar lill-ambjent u jekk fl-attività, l-għaqda tinkludi miżuri u inizjattivi ambjentali, din l-għajnuna finanzjarja tkun qed tiżdied. Il-President ippreżenta l-estimi ta' din l-inizjattiva u talab għall-approvazzjoni tal-Membri.

07.5.2 Il-Membri preżenti approvaw il-proposta tal-President b'mod unanimu.

## 07.6 Sejħa Pubblika għal Servizzi Legali;

07.6.1 Il-President semma' li fil-jiem li ġejjin se jkun qed jagħlaq il-kuntratt tal-avukat tal-Kunsill Reġjonali u l-Membri għandhom jiddiskutu dan il-kuntratt.

07.6.2 Il-Membri iddiskutew il-fatt li s-servizz ta' avukat hu bżonjuż mhux biss għall-Kunsill Reġjonali imma wkoll għall-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-reġjun. Għaldaqstant qablu li l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar jippubblika sejħa ġdida għal dan is-servizz li tkun tinkludi wkoll lill-Kunsilli Lokali fi ħdanu fejn kull parti tkun tista' tagħmel użu mis-servizz mingħajr irbit, u tħallas għas-servizzi mitluba minnha skont il-ħtieġa.

## 07.7 Sejħa Pubblika għal Servizz ta' DPO;

07.7.1 Il-President semma' li fil-jiem li ġejjin se jkun qed jagħlaq il-kuntratt tal-uffiċjal għall-protezzjoni tad-data tal-Kunsill Reġjonali u l-Membri għandhom jiddiskutu dan il-kuntratt.

07.7.2 Il-Membri iddiskutew il-fatt li uffiċjal għall-protezzjoni tad-data hu bżonjuż mhux biss għall-Kunsill Reġjonali imma wkoll għall-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-reġjun. Għaldaqstant qablu li l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar jippubblika sejħa ġdida għal dan is-servizz li tkun tinkludi wkoll lill-Kunsilli Lokali fi ħdanu fejn kull parti li tagħmel użu mis-servizz mingħajr irbit, u tħallas għas-servizzi mitluba minnha skont il-ħtieġa.

## 07.8 Għajnuna lill-Istaff tal-Kunsilli Lokali f'Taħriġ;

07.8.1 Il-President semma' kif il-Kunsill Reġjonali minbarra assistenza professjonali, għandu jipprovdi wkoll għajnuna lill-Kunsilli Lokali sabiex itejbu l-operat tagħhom u s-servizzi offruti minnhom. Hu qal li l-Kunsill Reġjonali ġie avviċinat mid-diriġenti ta' IDEA Academy li tipprovdi taħriġ li jwassal għal Diploma in Public Management and Governance immirat għall-istaff aministrattiv tal-Kunsilli Lokali u Reġjonali. 70% tal-ispejjeż tat-taħriġ jistgħu jiġu koperti mill-iskema tal-Get Qualified u l-AKL se tkun qed tgħin għal parti mill-kumplament tal-ispejjeż. Għaldaqstant, il-President ippropona li l-Kunsill Reġjonali jħallas lill-istaff amministrattiv il-kumplament tal-ħlas sabiex finalment it-taħriġ ikun ġie kompletament bla ħlas. Din l-inizjattiva tkun qed tgħin biex il-Membri tal-istaff amministrattiv jiżviluppaw il-ħiliet u l-kwalifiki tagħhom, filwaqt li l-Kunsilli Lokali jkunu qed jgħollu l-livell tas-servizzi li joffru lir-residenti. Il-President ippreżenta l-estimi ta' din l-inizjattiva u talab għall-approvazzjoni tal-Membri.

07.8.2 Il-Membri preżenti approvaw il-proposta tal-President b'mod unanimu.

## 07.9 Affarijiet Oħra;

**- Tender Ġbir ta' Skart Domestiku**

07.9.1 Il-President informa li t-tender għall-ġbir tal-iskart domestiku fuq bażi reġjonali tinsab ippubblikata fuq il-portal tas-sistema elettronika għall-akkwist pubbliku u bħalissa l-kuntratturi interessati jistgħu jissottomettu l-offerti tagħhom.

**- Compose Plus MOU**

07.9.2 Il-President ħabbar li l-Kunsill Reġjonali se jkun qed jingħaqad mal-AKL fl-iffirmar tal-Compose Plus MOU. Permezz ta' dan il-ftehim, il-Kunsill Reġjonali se jkun qed jirrikonoxxi, iħaddan u jippromwovi prattiċi li jipproteġu l-ambjent, jippromwovu enerġija rinovabbli u jħarsu t-tibdil fil-klima.

**- Ħlas tal-Ispejjeż tat-Tribunal Lokali**

07.9.3 Il-President ippreżenta korrispondenza mill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija LESA li turi l-ħlas li l-Kunsill Reġjonali għandu jirċievi mill-Aġenzija LESA għall-ispejjeż li nħarġu b'rabta mal-amministrazzjoni u ż-żamma tat-Tribunal Lokali minn Jannar 2019 sa Settembru 2021.

**- Strateġija Kulturali għar-Reġjun**

07.9.4 Il-President ħabbar li bil-bidla fil-kompożizzjoni tal-Kunsill Reġjonali, inħasset il-ħtieġa għall-eżami mill-ġdid tal-evalwazzjoni tal-istrateġija kulturali għar-reġjun. L-istrateġija se tkun qed tirrikonoxxi, tħaddan u tagħti valur lill-aspetti kulturali uniċi li jeżistu fil-lokalitajiet tar-reġjun. Bħalissa għaddejjin diskussjonijiet dwar l-iżvilupp ta' din l-istrateġija u hemm sejħa miftuħa għall-artisti sabiex jissotomettu ritratti li juru aspetti kulturali diversi fir-reġjun sabiex dawn jiġu inklużi meta jiġi ppubblikat id-dokument finali tal-istrateġija kulturali.

**- Attività ta' Teambuilding għall-Istaff tal-Kunsill Reġjonali**

07.9.5 Il-President qal li fil-ġimgħat li għaddew saret attività ta' teambuilding f'Għawdex għall-istaff tal-Kunsill Reġjonali. Hu qal li issa, li n-numru tal-istaff kiber sostanzjalment, aktar tinħass il-ħtieġa li jsiru attivitajiet simili kull tant żmien sabiex tissaħħaħ l-għaqda u s-sinerġija bejn il-membri fit-tim. Permezz ta' dawn l-attivitajiet, il-ħidma tal-Kunsill Reġjonali tkun aktar effettiva u b'aktar riżultati pożittivi.

## 07.10 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

07.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19.10 u ġiet aġġornata għall-Ħamis 07 ta’ Lulju 2022 fil-5.30 pm.

Konfermati llum ______________________.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | Philip Carabott |
| President | Segretarju Eżekuttiv |